MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 266/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anthony Grech** ta' 31 sena, bin John u Rita nee' Agius, imwieled Pieta' fit-13 ta' Novembru, 1973, residenti f' 'Waterlow Flats' Blk A, Flat 7, Triq Damasku, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 522173(M);

Talli fl-20 t' Ottubru, 2004, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq

ta' aktar minn Lm100 u inqas minn Lm500 ghad-dannu tal-kumpanija 'Marcomp Computer Systems Services'
( dan bi ksur tal-Art. 18, 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi xjentement ilqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew li akkwistajt b'reat u xjentement b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom
( u dan bi ksur tal-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Illi b'hekk Anthony Grech sar recediv ai termini tal-Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 t' Ottubru, 2001 u fit-28 ta' Frar, 2002.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz ikun trattat u deciz tal-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni fuq k-ewwel u t-tieni akkuza.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-ewwel u t-tieni akkuza jirrizultaw pruvati ussib lill-imputat hati taghhom. Wara li semghet ir-rinunzja tal-prosekuzzjoni dwar it-tielet akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat l-art. 18, 308, 309 u 344 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Minflok li tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum u dan ai termini tal-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------